MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 8/2006

**Shirley Xuereb**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' April, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni appellata.

Ra l-ittra ta' l-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-appell.

Ikkunsidra:-

Illi l-appellanti kienet beneficcjarja tal-Ghajnuna Socjali sat-2 ta' Dicembru 2005. Din l-assistenza giet lilha mwaqqfa wara spezzjoni li saret fir-residenza taghha fil-11 ta' Ottubru 2005 li bhala rizultat taghha d-Direttur ma baqax aktar sodisfatt li l-appellanti kienet qed tifforma familja ghal rasha u li kienet il-kap tal-familja.

Mir-rapport imhejji mill-ufficjali investigattivi tad-Dipartiment (Dok. B anness mar-Risposta tad-Direttur), liema rapport gie debitament ikkonfermat bil-gurament mill-ufficjali li hejjewh, irrizulta li meta saret l-ispezzjoni nstabu zewgt irgiel fir-residenza ta' l-appellanti. Wiehed mill-irgiel identifika ruhu bhala Horace Farrugia filwaqt li r-ragel l-iehor issakkar fil-kamra tal-banju u rrifjuta li jidentifika ruhu ma' l-ispetturi. L-appellanti ddikjarat li Horace Farrugia huwa l-*boyfriend* taghha izda spjegat li huwa ma jirrisjedix maghha u qalet ukoll li z-zewgt irgiel kienu fil-post sabiex jaghmlu xi xoghol ta' toghrik ta' madum. Irrizulta wkoll li waqt l-ispezzjoni dan Horace Farrugia ghadda kummenti sgradevoli u oxxeni (liema kummenti gew indikati fl-imsemmi rapport) u dan fil-presenza ta' l-ulied minorenni ta' l-appellanti.

L-Arbitru ezaminat bir-reqqa il-kontenut tar-rapport u semghat l-ispjegazzjoni moghtija mill-appellanti u jidhrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellanti hija inverosimili u ma tistax titwemmen u li Horace Farrugia ma kienx fil-fond ta' l-appellanti ghaliex kien ser jaghmel xi xoghlijiet izda ghaliex jirrisjedi maghha fil-fond taghha.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata konfermata."

L-appellanti Shirley Xuereb tistieden lil din il-Qorti tirrivaluta l-provi u taccetta l-versjoni taghha illi hi qatt ma tilfet il-kwalita` taghha ta' "kap tal-familja" u konsegwentement ghandu jigi repristinat lilha l-beneficcju ghall-Ghajnuna Socjali (SA) li kienet tircievi;

Bla dubju, kif inhu ferm konswet f' kazijiet ta' din ix-xorta, il-kwestjoni involuta hi essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-kredibilita` li tinghata lix-xhieda prodotta;

Fil-kaz prezenti ghar-rigward ta' din il-kwestjoni l-Arbitru dehrilha li t-test tal-verosimiljanza u ta' l-attendibilita` tax-xhieda ghandu jiffavorixxi aktar lill-versjoni tad-Direttur appellat milli dik ta' l-appellanti. Dan fuq l-apprezzament diskrezzjonali taghha tar-rapport ta' l-ufficcjal Dipartimentali li nvestiga l-kaz, fuq informazzjoni anonima li l-appellanti kienet qed tghix ma' certu Horace Farrugia. Hu kontra l-gudizzju ta' din id-diskrezzjoni valutativa li l-appellanti tidderiegi c-censura taghha tas-sentenza minnha appellata. Hi difatti tinsisti illi l-imsemmija persuna, li hi tirrikonoxxi bhala l-*boyfriend* taghha, kien, dakinhar ta' l-access mill-ufficcjali investigativi, u flimkien ma' ragel iehor, jinsabu fil-fond taghha biex jesegwixxu certi xoghlijiet ta' riparazzjoni. Tikkontendi inoltre illi hi ma tircievi ebda manteniment minghand hadd u, anzi hi, tinsab f' qaghda indigenti. Ara ittra tas-6 ta' Dicembru 2005 mibghuta mill-konsulent legali taghha b' appell kontra d-decizjoni tad-Direttur li ssospendilha l-assistenza;

Huwa ben maghruf fl-ordinament guridiku taghna illi kif rifless minn bosta decizjonijiet jezistu zewg principji fundamentali:-

(i) Il-wiehed illi l-evalwazzjoni tar-rizultanzi probatorji hu rimess ghal liberu konvinciment ta' min ikun imsejjah biex jarbitra. Dan fis-sens li bil-poter diskrezzjonali lilu affidat hu jislet mill-provi dawk l-elementi li hu jqis l-aktar verosimili u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment, u jwarrab u jiskarta ohrajn li hu jidhirlu li huma hekk inkompatabbli mad-decizjoni adottata;

(ii) It-tieni principju hu wkoll bazat fuq gurisprudenza konkordi fejn din tirritjeni li dik il-valutazzjoni hi insindakabbli minn Qorti ta' revizjoni jekk

din tirrizulta wahda ragonevoli u koerenti ma’ l-elementi utilizzati u tkun sorretta minn motivazzjoni adegwata;

Ghal dak li jikkoncerna l-ewwel principju, kif gja osservat, l-Arbitru ippezat il-provi li kellha quddiemha u dehrilha li l-mizien tal-kredibilita` jeghleb favur it-tezi tad-Direttur appellat, kif sostenuta bix-xhieda tar-rapprezentanti tieghu. Fir-rigward tat-tieni principju, mill-kumpless tal-provi, u mill-ezami l-aktar akkurat taghhom, din il-Qorti tista’ tghid li hi ghal kollox sodisfatta illi d-decizjoni impunjata hi sew motivata u l-konkluzjoni guridikament korretta;

Ic-cirkustanzi li jsahhu il-konvinciment ta’ din il-Qorti huma dawn:-

(1) L-inferenza li tohrog mill-verifika tal-fatti hi dik ta’ inattendibilita` tal-versjoni ta’ l-appellanti illi dakinhar ta’ l-ispezzjoni l-*boyfriend* taghha kien qieghed fil-fond biex sempliciment jikkonduci xoghlijiet riparattivi;

(2) L-appellanti ma ddeduciet minn ebda sottomissjoni l-illogicita` tal-motivazzjoni imma illimitat ruhha ghar-ripetizzjoni ta’ certi fatti, parzjalment ikkunsidrati minnha;

(3) Minn din il-konstatazzjoni jsegwi illi l-appellanti ma tistax tippretendi li saret valutazzjoni zbaljata tal-kaz taghha jew tippretendi wkoll illi tirrikorri ghal dawk l-istess fatti parzjali bl-intendiment li tissostitwixxi ghas-sintesi tal-valur komplessiv maghmula mill-Arbitru b’ ri-elaborazzjoni personali taghha;

(4) Jikkonsegwi illi l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-Arbitru f’ dan il-kaz ghandu, in bazi ghall-kunsiderazzjonijiet maghmula, u bil-konoxxenza kompleta tal-provi, jitqies incensurabbli f’ din is-sede.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra dedotti mill-Arbitru l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata.  Fic-cirkustanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------